MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 198/2003

Il-Pulizija
(Spt. C. Ellul)
Vs

Paul Sciberras

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Lulju, 2002 u fix-xhur u l-granet ta' qabel din id-data, fil-Hamrun, bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut "Paul Sciberras & Sons Discount Shopping Centre" li qieghed P.P. Mifsud Street, Hamrun :
1) fi triq, f'hanut jew f'post pubbliku iehor jew f'kull bini, gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejjqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib;

2) bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 t'Ottubru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikolu 41(2) tal-Kap. 10 u l-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' Lm15 u obbligatu jnehhi l-inkonvenjent sa zmien xahar fuq penali ta' LM5 ammenda kull jum fin-nuqqas skond l-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 t'Ottubru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u li l-esponent jigi liberat minn kull akkuza jew htija skond il-ligi.

Fliet l-atti processwali ;

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

Illi l-inkonvenjent li qed jillamentaw minnu s-Sinjuri Borg mhux ta' tali gravita' li jwassal ghall-htija tal-appellant skond l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghaliex skond ma gie ritenut mill-Qrati sabiex jirrizulta dan ir-reat ta' inkonvenjent lil xi gar, dan l-inkonvenjent ghandu jkun serju fis-sens oggettiv, sostanzjali w mhux ragjonevoli ; Illi mill-kostatazzjonijiet tal-espert nominat mill-Ewwel Qorti meta acceda fuq il-post l-ewwel darba, rrizulta li l-"background noise" wahdu , bil-magni tal-appellant mitfijin , kien gja jeccedi l-gradi ta' hoss skond il-World Health Organisation u l-istess bil-magni mixghulin. Illi fuq suggeriment tal-Ewwel Qorti stess l-appellant kien bena hajt biex jitnaqqas l-allegat inkonvenjent u meta l-espert acceda t-tieni darba gie konstatat li r-reading kien inqas tant li l-hoss kien jeccedi l-limiti biss f'kamra wahda – l-"main bedroom" u dan biss b' 0.8 ta'grad. Illi l-iskala uzata mill-espert tekniku , filwaqt li hija indikattiva biss peress li mahruga mill-World Health Organisation mhix tassattiva fil-ligi taghna u li wiehed irid jiehu c-cirkostanzi kollha tal-kaz in konsiderazzjoni .

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2004;

Semghet it-trattazzjoni fl-istess seduta;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat l-ordni Taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ;

Illi irid jigi precizat mill-ewwel illi l-akkuzi dedotti kontra l-appellant jirriferu biss ghall-periodu tas-26 ta' Lulju, 2002 u l-granet u x-xhur ta' qabel u mhux ghas-sitwazzjoni prezenti , wara li sar xi tibdil mill-appellant li seta' naqqas il-hoss **.**

Irrrizulta mix-xhieda ta' **MARY VIOLET BORG** u zewgha **CARMEL BORG** li, meta l-appellant stalla l-muturi tal-friza in kwistjoni fuq il-bejt, huma bdew jiddejqu bil-hoss kontinwu taghhom , lejl u nhar , xitwa u sajf. Ghall-bidu l-appellant kien ippropona li jaghmlilhom xi xoghol fit-tieqa biex jelimina l-hoss, izda s-sinjura Borg  kienet qaltlu li dak li kien ser jaghmel kien ghallxejn ghax xi darba jew ohra t-tieqa trid tinfetah u fil-fatt baqa' ma sar xejn. Ghalkemm fil-mori tal-kawza l-appellant bena xi hajt , il-hoss baqa' jippersisti w baqa' l-istess jekk addirittura ma zdiedx ghax l-appellant  kellu jcaqlaq xi mutur iehor u jgibu aktar qrib minnhabba xi kwistjoni li l-appellant kellu ma xi gar iehor. Veru li kienu kkonsidraw li jsir airconditioner izda dan kien ifisser li jkollhom ihallsu ghal-konsum tad-dawl huma u l-istess is-soluzzjoni ta' *double glazing* ma kienetx wahda tajba ghax it-twieqi ma jistghux jithallew maghluqin.

Meta l-espert tekniku nominat mill-Ewwel Qorti, l-**PERIT VALERIO SCHEMBRI** kien acceda fuq il-post l-ewwel darba fl-14 ta' Jannar, 2003, kien ikkonstata li meta wiehed jikkonsidra l-livell ta' 35.1 dBA li instab fil-kamra tas-sodda "spare bedroom" tal-konjugi Borg, meta t-tieqa kienet maghluqa ,il-livell huwa kemm , kemm izjed mill-

iskala ta' livelli ta' 25 sa 35 dBA rakkomandata mill-"**American Society of Heating , Refridgerating and Air Conditioning Engineers** u dana bil-mutur mitfijin. Meta jinxteghlu l-muturi, l-livell fl-spare bedroom joghola ghal 37.6dBA u cioe' differenza ta' 2.6dBA oltre l-massimu ta' 35dBA u li tali differenza tista tikkostitwixxi inkonvenjent. Meta t-twieqi jkunu miftuhin pero' l-livelli ma jeccedux dak ta' 45dBA rakkomandat mill-**World Health Organisation WHO** fid-dokument "**Guidelines to Community Noise"** bhala "*open window value*". Meta l-Perit rega' acceda fuq il-post fit-22 ta' Lulju, 2003, (Fol. 37 et seq.) ikkonstata li kemm bit-twieqi miftuhin u bit-twieqi maghluqin il-livell tal-hoss kien naqas , ghalkemm bit-twieqi miftuhin lanqas fl-ewwel access ma kienu eccedew il-livelli accettabbli. Pero' ikkonkluda li ghalkemm il-mizuri li ha l-appellant setghu baxxew il-livell ta' hsejjes generati mill-muturi tal-friza , bit-twieqi maghluqin jirrizulta xorta wahda li l-livell hu ta' 35.8 dBA fil-main bedroom tal-fond Mount Tabor , PP Muscat Square , Hamrun , residenza tal-konjugi Borg u dan jikkostitwixxi inkonvenjent.

Meta xehed quddiem din il-Qorti, l-espert Schembri ikkonferma r-relazzjonijiet tieghu w spjega li anki bil-magni in kwistjoni mitfijin l-"ambient noise" kien diga' jeccedi l-kriterji tal-limitu ta' hoss accettabbli skond il-World Health Organisation. (ara l-ewwel relazzjoni tal-perit a fol. 15 et seq. tal-process). Il-muturi lateralment jigu xi hames metri , sitta mill-bitha pero' jigu xi zewg sulari 'l fuq mill-kamra tas-sinjuri Borg. Bil-hajt il-gdid gholi xi erba filati li tella l-appellant fil-mori tal-kawza hemm *barrier* ghall-hoss issa. Il-hsejjes tal-muturi jinstemghu minn kamra tas-sodda minnhom izda din hi kwistjoni psikologika u hawn min idejjquh hsejjes u hawn minn ghalih certi hsejjes huma accettabbli. Igifieri din mhix kwistjoni bazikament ta' teknika.

Illi l-appellant ma xehedx u lanqas gab xi prova li tista' b'xi mod tirribadixxi dak li xehdu l-konjugi Borg u l-kostatazzjonijiet tal-perit Schembri.

Illi f' dan l-istat tal-provi din il-Qorti – bhall-Ewwel Qorti – hija sodisfatta li gie konstatat oggettivament mill-espert

tekniku nominat mill-Qorti li dawn il-muturi tal-friza li l-appellant stalla fuq il-bejt vicin il-fond tal-konjugi Borg mhux biss jaghmlu hoss li jkompli jzid mall-hoss ambjentali , izda sahansitra li dan il-hoss ikun jeccedi dawk il-livelli accettabbli ta' hsejjes skond normi internazzjonali li ghalkemm ma humiex sanciti b' ligi , oggettivament jikkorroboraw l-allegazzjoni tal-inkonvenjent li qed jillamentaw minnu l-konjugi Borg. Il-fatt li l-hsejjes ambjentali li hemm madwar il-fond tal-konjugi Borg , anki bla muturi mixghulin jeccedu f'certi sitwazzjonijiet dawk il-livelli accettabbli skond in-normi internazzjonali ma jfissirx li l-konjugi Borg ma jistghux jiddejqu bil-hsejjes tal-muturi . Dan ghaliex il-hoss ambjentali gej minn traffiku ma jkunx kontinwu w certament jonqos f' certi hinijiet tal-gurnata u aktar u aktar mall-lejl . Mentri il-hoss ininterrott tal-muturi lejl u nhar jibqa' jippersisti u jdejjaq lil dak li jkun fil-hin tal-mistrieh ghax jinstema' aktar. Ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni ghala ghandha tibdel jew tvarja l-apprezzament ta' fatt li ghamlet u l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati taz-zewg akkuzi dedotti kontra tieghu .

Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata b'dana li t-terminu ta' xahar impost fuq l-appellant biex jitnehha l-inkonvenjent ghandu jibda jiddekorri mil-lum .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------